MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 362/2005

**Maltacom plc**

**Vs**

**Grezzju Mizzi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta Frar 2005, fejn intalab li l- konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ mija u hamsa u sebghin lira disgha u sebghin centezmu (Lm175.79) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma servizz telefoniku li jgib in-numri 21675232 kif jirrizulta skond l-annessi dokumenti hawn markati bhala Dok A u Dok B.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur noe sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-

kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tad-9 ta Novembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti u kif ukoll in-nota ta cessjoni fuq is-sorte prezentata fil-31 ta Mejju 2005 stante pagament tal-istess fil-mori tal-kawza pero fl-istess hin zamm ferm u npregudikat il-kap tal-ispejjes.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici l-ispejjes kollha ta din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------